# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 20 ta' Lulju 2020**

**Numru 8**

**Rikors numru 107/16 JVC**

**Jamburu Jara u b'digriet tas-27 ta' Awwissu 2019 l-isem ghandu jaqra Diara Diambourou (Police number 11F-263), Issa Jaruke u b'digriet tas-27 ta' Awwissu 2019 l-isem ghandu jaqra Issa Yalcouye (Police number 15A- 053), Mama Sangare u b'digriet tas-27 ta' Awwissu 2019 l-isem ghandu jaqra Sangare Ngnama (Police number 15A-074), Wali Traore (Police number 15A-27), Selia Konate u b'digriet tas-27 ta' Awwissu 2019 l-isem ghandu jaqra Kounate Salya (Police number 11D-65), Mamadou Camara u b'digriet tas-27 ta' Awwissu 2019 l-isem ghandu jaqra Camara Mamadou (Police number 14C-067), Sega Diba u b'digriet tas-27 ta' Awwissu 2019 l-isem ghandu jaqra Dipa Sekou (Police number 11B-122), Mamadou Traore (Police number 08UU-006), Ibrahim Camara u b'digriet tas-26 ta' Awwissu 2016 ghandu jaqra Kamara Ibrahim (Police number 14C-087)**

**v.**

1. **Kummissarju tal-Pulizija bhala Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni**
2. **Ministru tal-Intern**
3. **Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

1. B'rikors kostituzzjonali preżentat fit-23 ta' Diċembru 2016 l-atturi, kollha mwielda l-Mali, ressqu diversi ilmenti wara li matul ix-xahar ta' Novembru 2016 kienu ġew arrestati mill-pulizija u nżammu fiċ-ċentru ta' detenzjoni li jinsa f'Ħal Safi. L-ilmenti tagħhom kienu li:-

i. Id-deċiżjoni ta' ritorn li nħarġet kontrihom kienet tikser Artikolu wieħed u tletin (31) tal-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-Istatus ta' Rifuġjati magħmula f'Ġinevra. Talba li ġiet miċħuda bis-sentenza preliminari tat-23 ta' Frar 2016 u li hi ġudikat;

ii. Id-detenzjoni tikser l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 47 tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

iii. Id-deċiżjoni ta' ritorn hi abbużiva u l-atturi ma ngħatawx rimedju effettiv sabiex jikkontestaw il-validita tad-deċiżjoni kif protett fl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

iv. L-eventwali deportazzjoni twassal għall-ksur tal-Artikolu 1 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-Direttiva 2008/115/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u kif ukoll l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

2. Fir-rikors promotur l-attur talbu lill-ewwel Qorti sabiex:-

*"1. Tiddikjara illi d-deċiżjoni ta' ritorn maħruġa fil-konfront tar-rikorrenti rispettivament tikser Artikolu 31 tal-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-istatus ta' Rifuġjati magħmula f'Ġinevra;*

*"2.Tiddikjara illi d-detenzjoni tar-rikorrenti hija abbużiva u tmur kontra d-drittijiet tagħhom kif sanċiti fl-artikolu ħamsa (5) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, fl-Artikolu sebgħa u erbgħin (47) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;*

*"3. Tiddikjara illi d-detenzjoni tar-riokrrenti mhijiex valida stante illi hija bbażata fuq deċiżjoni ta' ritorn abbużiva u ill il-esponenti ma ingħatawx rimedju effettiv sabiex jikkontestaw il-validita' ta' tali deċiżjoni, kif sanċiti fl-Artikolu tlettax (13) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u kif ukoll l-Artikolu sebgħa u erbgħin (47) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;*

*"4. Tiddikjara illi l-eventwali deportazzjoni tal-esponenti tkun tammonta għall-ksur kemm l-Artikolu wieħed (1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea d-Direttiva 2008/115EC tal-Parlament Ewrope u tal-Kunsill u kif ukoll l-Artikolu numru erba' u tletin (34) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, Artikolu numru tmienja (8) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu sebgħa (7) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea"*.

3. Bis-sentenza finali tas-27 ta' Frar 2020 l-ewwel Qorti laqgħet it-tieni talba in kwantu tirreferi għall-ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea; laqgħet it-tielet talba in kwantu tirreferi għall-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea; u laqgħet ir-raba' talba in kwantu tirreferi għall-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni. Għall-kumplament ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti għal dak li jirrigwarda t-tieni, tielet u raba' talbiet. Iddikjarat ukoll li l-Ministru tal-Intern u l-Avukat Ġenerali mhumiexd il-leġittimi kontraditturi f'din il-kawża u illiberathom mill-osservanza tal-ġudizzju.

4. Fit-8 ta' Mejju 2020 il-Kummissarju tal-Pulizija appella mis-sentenza:

i. Tat-23 ta' Frar 2017 in kwantu ċaħdet il-ħames eċċezzjoni li titratta dwar in-non eżawriment tar-rimedji ordinarji.

ii. Tas-sentenza tas-27 ta' Frar 2020 in kwantu ddeċidiet li seħħ ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea bid-detenzjoni matul il-perjodu bejn l-14 ta' Novembru 2016 u l-14 ta' Frar 2017; l-ewwel Qorti żbaljat meta ikkonkludiet li d-detenzjoni tar-rikorrenti ma kinitx valida għaliex bażata fuq deċiżjoni ta' ritorn abbużiva u li r-rikorrenti ma ngħatawx rimedju effettiv sabiex jikkontestaw il-validita' skont l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni; l-ewwel Qorti żbaljat meta ddikjarat li l-eventwali deportazzjoni tikser l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea;

5. Permezz ta' tweġiba preżentata fit-12 ta' Ġunju 2020 l-appellati taw ir-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud u qalu li l-Qorti għandha tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

**Fatti**.

6. Il-każ jittratta dwar ir-rikorrenti li l-pajjiż ta' oriġini tagħhom hu l-Mali u li waslu Malta bejn Lulju 2008 u Jannar 2015 mingħajr permess. Għall-

finijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217), ir-rikorrenti huma immigranti ipprojbiti. Meta waslu Malta għamlu żmien f'detenzjoni u l-awtoritajiet Maltin ħarġu kontrihom ordni ta' tneħħija. Eventwalment applikaw għall-ażil iżda t-talba kienet miċħuda u wara żmien tħallew joħorġu miċ-ċentru ta' detenzjoni. Fil-konfront ta' wħud minnhom kienet inħarġet ukoll deċiżjoni ta' ritorn, wara emendi fil-liġi. Ħadd mir-rikorrenti ma jirriżulta li kkontesta id-deċiżjoni ta' ritorn u l-ordni ta' tneħħija. Fil-bidu ta' Diċembru 2016, delegazzjoni mill-Mali ġiet Malta sabiex isir eżerċizzju ta' identifikazzjoni bil-għan li persuni minn dak il-pajjiż jinħarġilhom dokument ta' identita u jintbgħatu lura. Għal dan il-għan fl-14 ta' Novembru 2016 ir-rikorrenti u oħrajn tpoġġew taħt kustodja fejn baqgħu jinżammu sa Frar 2017. Għalkemm id-delegazzjoni mill-Mali kienet ġiet u identifikat lir-rikorrenti, baqgħu ma bagħtux id-dokumenti għall-ivjaġġar. Fi Frar 2017 l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ddeċieda li r-rikorrenti ma jibqgħux jinżammu f'kustodja. Id-dokumenti minn barra baqgħu qatt ma waslu.

**L-ewwel aggravju – nuqqas ta' eżawriment ta' rimedji ordinarji.**

7. Bis-sentenza tat-23 ta' Frar 2017, l-ewwel Qorti ċaħdet il-ħames eċċezzjoni tal-appellant.

8. Il-Qorti hi tal-fehma li dan l-aggravju sar bla bżonn. Hu evidenti li wħud mill-aggravji tar-rikorrenti kienu li seħħ ksur jew ser iseħħ ksur ta' drittijiet fundamentali protetti taħt il-Konvenzjoni Ewropea. Hekk per eżempju huma l-ilmenti tar-rikorrenti dwar il-ksur tal-Artikolu 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea. Ilmenti li jistgħu jiġu indirizzati biss f'kawża ta' din ix-xorta.

9. Wieħed ma jistax jippretendi li r-rikorrenti kellhom jiftħu kawżi konkorrenti, waħda taħt il-liġi ordinarja u fl-istess ħin kawża kostituzzjonali sabiex fiha jkunu indirizzati ilmenti li għandhom x'jaqsmu mal-Kostituzzjoni, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

10. Ma ntwera bl-ebda mod kif per eżempju l-ilment dwar il-ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, jekk tiġi inforzata l-ordni ta' tneħħija, seta' jiġi kkonsidrat f'proċedura ta' *habeas corpus*.

11. Dan apparti li l-Prim'Awla tgawdi minn diskrezzjoni wiesa' meta tiġi biex tiddeċiedi dwar jekk l-attur ikunx eżawrixxa r-rimedji ordinarji qabel ippreżenta l-kawża kostituzzjonali. L-appellant ma weriex għas-sodisfazzjoni ta' din il-Qorti li l-għażla tal-ewwel Qorti li tkompli tisma' l-kawża kienet manifestament żbaljata.

12. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

**<u>It-tieni aggravju – detenzjoni tal-appellati fil-perjodu bejn l-14 ta' Novembru 2016 u l-14 ta' Frar 2017.</u>**

13. L-ilment hu li l-ewwel Qorti żbaljat meta kkonkludiet li d-detenzjoni tal-appellati bejn l-14 ta' Novembru 2016 u l-14 ta' Frar 2017 sar bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea.

14. L-Artikolu 5(1)(f) tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi:-

> *"1. Everyone has the right to liberty and security of person. No one shall be deprived of his liberty save in the following cases and in accordance with a procedure prescribed by law:.........*
>
> *"(f) **the lawful arrest or detention** of a person to prevent his effecting an unauthorised entry into the country or of a person **against whom action is being taken with a view to deportation or extradition**".*

15. Fis-sentenza l-ewwel Qorti qalet:-

> *"Fil-kaz tar-rikorrenti odjerni jirrizulta li huma lkoll gia kienu gew arrestati u mizmuma taht detenzjoni fil-mument li dahlu f'Malta. Lil kull wiehed u wahda minnhom inhargilhom 'removal order'. Ghamlu zmien detenuti uhud minnhom sahansitra ghamlu l-massimu ta' tmintax-il xahar kif impost mil-ligi u lkoll izda f'xi mument gew rilaxxati. L-intimati jsostnu li r-ri-arrest taghhom kien permissibbli stante li r- 'removal order' kien ghadu vigenti sal-mument li regghu gew arrestati. Il-Qorti tqis izda li certament ma jistax jinghad li l-awtoritajiet kienu qed iwettqu r-ri-arrest tar-rikorrenti sabiex jevitaw li dawn jidhlu minghajr awtorita' f'Malta stante li jirrizulta li dawn kienu ilhom f'Malta anki jghixu liberament min mis-sena 2008 u l-aktar wiehed rcenti sa mis-sena 2015.*
>
> *"Ghalhekk din il-Qorti jibqala biss il-possibilta' legali l-ohra u cioe' jekk il-persuni in kwistjoni gewx detenuti ghaliex kontra taghhom kienet qed issir kawza ghad-deportazzjoni jew ghall-estradizzjoni. Mill-atti mkien*

*ma jirrizulta li fil-mument li gew arrestati r-rikorrenti kienet qed issir kawza ghad-deportazzjoni jew ghall-estradizzjoni taghhom. Se mai jista' jigi kkunsidrat li kien qed isir tentattiv ta identifikazzjoni sabiex tinbeda l-kawza ghad-deportazzjoni wara li dawn possibilment jigu identifikati mill-awtoritajiet tal-Mali. Certament ghalhekk id-detenzjoni taghhom bejn l-14 ta' Novembru, 2016 sal-4 ta' Dicembru, 2016 meta dawn gew mitkellma mid-delazzjoni ma tistax titqies li kienet skuzabbli taht l-artikolu 5(f) tal-Konvenzjoni. Il-Qorti wkoll ma tqisx li l-iskuza tal-Awtoritajiet li kieku ma arrestawhomx dawn ma kienux ser jipprezentaw ruhhom sabiex jigu nterrogati bhal gustifikabbli. Jirrizulta li nhar l-14 ta' Novembru, 2016 iprezentat ruhha 33 persuna ghax kien minghaliha li ser jigu mgedda d-dokumenti. Il-Qorti ma tara l- ebda raguni ghalfejn dawn ma setghux inghataw gurnata ohra aktar vicin id-data li kellha tigi d-delegazzjoni sabiex jergghu jigu mgedda d-dokumentazzjoni u la darba dawn gia kienu prezentaw ruhhom l-Qorti ma ghandhiex dubju li hekk kienu jergghu jaghmlu sabiex ikunu certi li jibqghu bil-karti in regola. Dan qed jinghad ukoll in vista tal-ammissjoni tal-Awtoritajiet li qabel sar ir-ri-arrest sahansitra l-Awtoritajiet ma ghamlu l-ebda analizi tal-kazijiet rispettivi ta' kull persuna ri-arrestata sabiex jigi identifikat jekk l-istess kienux gia servew il-perjodu massimu ta' detenzjoni permissibbli fil-ligi u cioe' dak ta' tmintax-il (18) xahar. Fil-fatt mill-affidavit esebiti fl-atti jirrizulta lill-Qorti li mill-anqas tnejn mir-rikorrenti a bazi tax- xiehda taghhom gia kienu damu detenuti l-massimu ta' tmintax-il (18) xahar. Il-fatt li l-Awtoritajiet lanqas biss ppruvaw jaghmlu dan l-ezercizzju qabel ma qabdu u arrestaw lir-rikorrenti jrendi wkoll ir-ri-arrest taghom bhala wiehed abbuziv u mhux skont il-ligi.........*

*"Jirrizulta lill-Qorti izda li mal-wasla tad-delegazzjoni ghaxra minn dawk mizmuma in detenzjoni gew identifikati bhala cittadini tal- Mali u ghalhekk kien hemm il-possibilita' li dawn jigu ripatrijati la darba jinhargu lilhom id-dokumenti. Il-Qorti ghalhekk trid tidhol f'analizi dwar jekk minn dan il-punt id-detenzjoni saritx gustifikata. Il-Qorti izda tqis li la darba d-detenzjoni kienet tikser l-artikolu 5 (f) tal-Konvenzjoni sa minn meta din bdiet fl-14 ta' Novembru, 2016 allura ma jistax leglament stat ta' fatt li kien illegali sa mill-bidu jigu regolarizzat u meqjus li sar legali unikament ghaliex fil-frattempt sehhet l-identifikazzjoni. Fuq kollox fl-atti din il-Qorti ma ghandha l-ebda prova tangibbli fl-atti li turiha li verament kienu r-rikorrenti li gew identifikati mid-delegazzjoni msemmija. Il-Qorti ghalhekk tqis li d-detenzjoni baqghet wahda illegali anki wara l-allegata identifikazzjoni.*

*"Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost din il-Qorti tqis li d- detenzjoni tar-rikorrenti li sehhet bejn il-perijodu tal-14 ta' Novembru, 2016 u l-14 ta' Frar, 2017 kienet wahda bi ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u ghalhekk filwaqt li ser tghaddi sabiex tichad is-sitt eccezzjoni tal-intimat ser tghaddi sabiex tilqa' t-tieni talba attrici ghal dak li hi ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem filwaqt li tichadha ghal dik li hija l-allegat ksur tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea".*

16. Mhemmx kontestazzjoni li l-appellati kollha kienu daħlu fi żminijiet differenti f'Malta b'mod illegali. Skont l-Artikolu 5 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217) kienu kollha *'immigranti ipprojbiti'*;

> *"(1) Kull persuna, li tkun waħda li ma jkollhiex id-dritt ta' dħul, jew ta' dħul u residenza, jew ta' moviment jew transitu taħt it-Taqsimiet preċedenti, tista' tiġi rifjutata milli tidħol, u jekk hija tiżbarka jew tkun qegħda f'Malta mingħajr il-permess tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, hija tkun immigrant projbit"*.

17. Jirriżulta wkoll li kienet inħarġet ***'ordni ta' tneħħija'*** skont l-Artikolu 14 tal-istess liġi. Billi jidher li ma kienx hemm prospetti li l-appellati jistgħu jintbagħtu lura lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, il-Qorti fehmet li kienet ittieħdet id-deċiżjoni li ma tkomplix id-detenzjoni u inħelsu mill-kustodja.

18. Mhemmx prova li l-ordni ta' tneħħija kienet f'xi żmien ġiet revokata. Fir-rikors tal-appell l-appellant qal:-

> *"Illi kien biss permezz tal-emendi li saru fid-definizzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn fil-Kap. 217 liema definizzjoni daħlet fis-seħħ f'Awwissu 2016 li stabbilit li mal-ordni ta' tneħħija kellha tinħareġ ukoll ordni ta' ritorn. Illi l-appellati kollha kienu waslu f'Malta meta l-Kap. 217 u l-liġijiet sussidjarji kienu jimponu li tinħareġ biss ordni ta' tneħħija mingħajr ordni ta' ritorn"*.

19. Mill-provi jirriżulta li fil-każijiet kollha inħareġ ordni ta' tneħħija (*removal order)*. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għad-dokumenti li ppreżenta l-appellant permezz ta' nota tat-30 ta' Diċembru 2016 (fol. 35). Mid-dokumenti jirriżulta li mill-ordnijiet:-

i. Waħda ħarġet fit-22 ta' Lulju 2008;

ii. Tlieta inħarġu fis-sena 2011 (fol. 38-40);

iii. Tnejn inħarġu fis-sena 2015 (fol. 41-42);

iv. Tlieta inħarġu fis-sena 2014 (fol. 43-45);

20. Mhemmx prova li l-ordnijiet ta' tneħħija kienu ġew kontestati permezz ta' appell quddiem il-Bord tal-Appelli (ara art. 25A tal-Kap. 217) jew li kien tħassru.

21. Mill-imsemmija dokumenti l-Qorti fehmet li kien hemm erba' każijiet fejn inħarġet biss ordni ta' tneħħija (*removal order*). Dan seħħ fis-sena 2008 u 2011, fi żmien meta l-liġi ma kinitx teħtieġ ukoll il-ħruġ ta' deċiżjoni ta' tneħħija.

22. Imbagħad hemm ħames ordnijiet ta' tneħħija li nħarġu fis-sena 2014 jew 2015 u li fihom tissemma deċiżjoni ta' ritorn (*return decision*), li mill-atti ma jirriżultax li ġew preżentati bħala prova. Pero` ma jirriżultax li r-rikorrenti qegħdin jikkontestaw li effettivament id-deċiżjonijiet ta' ritorn inħarġu.

23. Deċiżjoni ta' ritorn taħt l-Avviż Legali 81 tal-2011 ma kellhiex l-istess tifsira kif għandha taħt l-Avviż Legali 15 tal-2014 (17 ta' Jannar,

2014). F'tal-ewwel kienet sempliċement tfisser il-proċess ta' ċittadin ta' pajjiż terz biex jirritorna volontarjament jew b'mod infurzat, fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew pajjiż ieħor li jissemma fl-avviż legali. Min-naħa l-oħra bl-Avviż Legali 15 tal-2014 deċiżjoni ta' ritorn saret tfisser:-

> *"..... **deċiżjoni maħruġa mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**, li tgħid u tiddikjara illi ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qiegħed fil-pajjiż b'mod illegali u timponi jew tiddikjara l-obbligu biex jirritorna".*

24. Deċiżjoni li skont regolament 3 tal-Avviż Legali 81 tal-2011 għandha tinħareġ lil kull min ikun joqgħod f'Malta b'mod illegali.

25. Il-provi juru li fl-4 ta' Diċembru 2016 kellha tasal delegazzjoni mill-Mali sabiex jiġu identifikati l-persuni ta' dik in-nazzjonalita bil-għan li wara jinħarġulhom id-dokumenti tal-ivvjaġġar, jintbagħtu lura lejn art twelidhom. Kien fl-14 ta' Novembru 2016 li l-appellati tpoġġew taħt kustodja u b'hekk tilfu l-liberta'. Tliet ġimgħat qabel il-wasla tad-delegazzjoni barranija, u nżammu f'detenzjoni. L-appellant isostni li dik id-detenzjoni saret sabiex l-appellati eventwalment ikunu deportati lura lejn il-Mali, pajjiż ta' oriġini tagħhom.

26. L-appellant qal ukoll li d-detenzjoni saret skont l-Artikolu 14 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217) moqri flimkien mal-Artikolu 5 tal-Kap. 217. Fir-rikors tal-appell argumenta:-

> *"Illi kif intwera f'dan l-aggravju d-detenzjoni tal-appellati kienet skont il-ligi u dan stante li saret ai termini tal-Artikolu 14 tal-Kap. 217 moqri*

> *flimkien mal-Artikolu 5 tal-istess Kap. 217. Intwera wkoll li d-detenzjoni saret skont process u cioe' kien hemm ordni ta' tnehhija li kienet ghadha valida in konfront tal-appellati, li l-appellati gew infurmati li kienet gejja delegazzjoni mill-Mali sabiex tidentifikahom bil-ghan li jigu deportati kif ukoll li saru azzjonijiet da parti tal-esponenti sabiex tali deportazzjoni issehh. Illi dan kollu juri li d-detenzjoni tal-appellati, ghall-kuntrarju ta' dak li ntqal mill-ewwel Onorabbli Qorti, bl-ebda mod ma kienet mtappna b'xi arbitrarjeta'* ***izda ghall-kuntrarju jirrizulta li d-detenzjoni saret ghall-ghan li l-appellati jigu deportati lejn il-pajjiz ta' origini taghhom, ghan li huwa kompatibbli u permissibbli kemm mill-Konvenzjoni kif ukoll mill-Kostituzzjoni sabiex persuna tigi privata mill-liberta' taghha****"*.

27. Skont l-Artikolu 14(2) tal-Kap. 217:-

> *"(2) Jekk mad-deċiżjoni ta' ritorn hemm ukoll ordni ta' tneħħija, dik il-persuna li kontriha ssir dik l-ordni,* ***tista' tinżamm taħt kustodja sakemm titneħħa minn Malta****"*.

28. Fl-ewwel lok għall-finijiet tal-Artikolu 5(1)(f) tal-Konvenzjoni hu essenzjali li d-detenzjoni tkun legali. Fis-sentenza **Abdi v the United Kingdom** (27770/08) tad-9 ta' April 2013, il-QEDB qalet:-

> *"68. It is well established in the Court's case-law that in addition to falling within one of the exceptions set out in sub-paragraphs (a) to (f), any deprivation of liberty must be "lawful". Where the "lawfulness" of detention is in issue, including the question whether "a procedure prescribed by law" has been followed, the Convention refers essentially to national law and lays down the obligation to conform to the substantive and procedural rules of national law".*

29. Hi l-fehma ta' din il-Qorti li fil-każ ta' erba' mir-rikorrenti, dawk li nħareġ kontrihom biss ordni ta' tneħħija, l-arrest **ma kienx** skont il-liġi. Dan qiegħed jingħad b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 217. F'dawk il-każijiet ma kienx hemm deċiżjoni ta' ritorn skont it-tifsira mogħtija fl-Avviż Legali 15 tal-2014. L-appellant ma ta l-ebda raġuni li

tista' tiġġustifika li fil-każ ta' dawk l-erbgħa, ordni ta' tneħħija kien biżżejjed sabiex ikunu arrestati f'Novembru 2016.

30. L-Artikolu 14(2) tal-Kap. 217 jagħmilha ċara li għall-finijiet ta' detenzjoni hemm bżonn ta' deċiżjoni ta' ritorn **u** ordni ta' tneħħija. Kif rajna, fil-każ ta' erba' rikorrenti ma kienx hemm ordni ta' ritorn. Il-fatt li l-ordni ta' tneħħija inħareġ qabel id-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali 15 tal-2014, ma kien ibiddel xejn. Dan meta tikkonsidra li l-appellant m'għamilx referenza għal xi dispożizzjoni tranżitorja li l-ordni ta' tneħħija waħdu kien biżżejjed sabiex dawk ir-rikorrenti li waslu bejn is-snin 2008 u 2011, jerġgħu jiġu arrestati.

31. Kif intqal mill-QEDB fis-sentenza **Khlaifia and Others v. Italy** tal-15 ta' Diċembru 2016:

> *"90. Article 5 § 1 (f) does not require the detention to be reasonably considered necessary, for example to prevent the individual from committing an offence or fleeing. However, any deprivation of liberty under the second limb of Article 5 § 1 (f) will be justified only as long as deportation or extradition proceedings are in progress. If such proceedings are not prosecuted with "due diligence", the detention will cease to be permissible under Article 5 § 1 (f) (see A. and Others v. the United Kingdom, cited above, § 164)".*

32. Madankollu jibqa' l-fatt li l-arrest ta' dawk l-erba' rikorrenti ma kienx wieħed legali kif irid paragrafu (f) tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni. Kif qalet il-QEDB fis-sentenza fuq imsemmija, ġia ladarba d-detenzjoni ma tkunx *'lawful'*, hemm ksur tal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni. Ġia ladarba

ma kien hemm l-ebda deċiżjoni ta' ritorn, kif irid l-Artikolu 14(2) tal-Kap. 217, l-arrest ma kienx skont il-liġi.

33. Fil-każ tal-ħames rikorrenti l-oħra, wieħed jista' jargumenta li ġia ladarba kien hemm deċiżjoni ta' ritorn u ordni ta' tneħħija, allura b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 217 id-detenzjoni kienet regolari. Hu veru li:-

i. Ma kinux f'detenzjoni u fil-fatt kienu reġgħu tpoġġew taħt kustodja;

ii. Ma kien hemm l-ebda sinjal li kienu qegħdin jipprovaw jaħarbu minn Malta jew kienu inħbew sabiex ma jinstabux;

iii. Ma kien hemm l-ebda garanzija li bil-wasla tad-delegazzjoni mill-Mali, l-ordni ta' tneħħija kienet ser tiġi enforzata. Fil-fatt l-ewwel eżerċizzju li kellu jsir kien l-identifikazzjoni tar-rikorrenti mid-delegazzjoni li kellha tasal mill-Mali.

34. Madankollu l-għan wara t-tqegħid tagħhom taħt kustodja kien sabiex jiġi determinat min minnhom seta' jkun deportat u jiġi assigurat li ħadd ma jaħrab jew jinħeba. L-Ispettur Mario Haber xehed (seduta tat-13 ta' Frar 2017):

> *"Dejjem aħna jkollna dik il-biża' li mbagħad ma jinstabux. U qed ngħid hekk .... għax dik ir-realta'. Kull meta kellna persuni illi kienu identifikati u qed nistennew id-dokument ġej, u kienu fil-komunita', meta morna lura biex insibuhom qatt ma sibnihom".*

35. Għalkemm dawk il-ħames rikorrenti ma baqgħux jinżammu f'detenzjoni, wieħed irid jiftakar li xorta baqgħu *'immigranti projbiti'*. Ma jirriżultax li kienu ingħataw permess li jibqgħu jgħixu f'Malta. Inoltre, l-kliem f'paragrafu (f) tal-Artikolu 5(1), "*... of a person against whom action is being taken with a view to deportation or extradition*" ma jfissirx li kellu jkun hemm kawża kontra r-rikorrenti, kif tat x'tifhem l-ewwel Qorti. L-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn u l-ordni ta' tneħħija kienet parti mill-proċess kontemplat fl-Artikolu 5(1)(f). Jekk ikun mod ieħor l-Istat jiġi f'sitwazzjoni assurda li jkollu jibda proċedura ġdida kull darba li jiġi biex jinforza ordni ta' tneħħija li tkun saret finali.

36. Għal dak li jirrigwarda tul ta' detenzjoni, jirriżulta li damet tliet xhur. Hu raġonevoli li wieħed jistenna li r-rikorrenti ma ridux jirritornaw f'art twelidhom, cioe` l-Mali. Pajjiż li hu wieħed mill-iktar fqar fid-dinja u fejn hemm preżenza konsiderevoli ta' milizji. Dawn il-proċeduri huma l-aħjar prova li l-atturi għamlu minn kollox sabiex ixejn t-tentattiv tal-awtoritajiet lokali. Il-Qorti tifhem li l-miżura li ħa l-appellant kienet sabiex jiżgura li fiż-żmien rilevanti għall-infurzar tal-ordni ta' tneħħija, ħadd mir-rikorrenti ma jipprova jaħrab jew jinħeba.

37. Minn dak li fehmet il-Qorti, ir-rikorrenti kienu ġew identifikati waqt iż-żjara f'Malta tad-delegazzjoni mill-Mali. Kien hemm bżonn li jsir proċess min-naħa tal-awtoritajiet tal-Mali sabiex jinħarġu d-dokumenti

relattivi sabiex dawk identifikati ikunu jistgħu jagħmlu l-vjaġġ lura lejn il-pajjiż ta' oriġini. Madankollu, jidher li d-dokumenti baqgħu ma nħarġux. Evidenti li l-awtoritajiet tal-Mali ma baqgħux jikkoperaw mal-awtoritajiet Maltin sabiex jinħareġ dokument ta' identita' għal dawk l-immigranti li kienu ġew identifikati. Wieħed jista' jargumenta li tliet xhur mhuwiex żmien twil iżżejjed meta tikkonsidra li l-iskambju kien ma' awtoritajiet ta' pajjiż sotto-żviluppat li żgur mhuwiex xi mudell ta' effiċjenza. F'dan ir-rigward hi rilevanti d-depożizzjoni ta' Francesca Gatt, li kkonfermat li l-aħħar kuntatt li kellhom mal-awtoritajiet tal-Mali kien fl-aħħar ta' Diċembru 2016.[1]

38. L-appellati u Kelly Schelbe (fol. 106) fl-affidavits li hemm fl-atti, qalu li l-kundizzjoni fiċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Hal Safi ma kienet xejn tajba. L-istess xehed Jean Paul Borg li qal li jagħmel parti mill-NGO Integra. Spjega li kien ġie rifjutat aċċess fis-16 ta' Diċembru filwaqt li fid-19 ta' Diċembru kien ingħata aċċess. Kompla:[2]

> *"Is-sitwazzjoni kienet tal-biki, fejn minkejja li konna fix-xhur xitwin il-post kien invażat bid-dubbien, minħabba n-nuqqas ta' iġene. Kamra ckejkna kellha tinqasam bejn erbgħa. Kulma kien hemm, saqqu minn dawk l-irqaq fuq bunk beds tal-injam, u mħaded mill-irqaq nett mingħajr id-diċenza ta' investa. Milli stajt nifhem lanqas bdew jitħallew joħorġu għall-arja.*
>
> "*Ġest sempliċi bħal li ngħaddilhom xi ikel kien ipprojbit. Sempliċement tazzi kienu nieqsa u rajthom jieħdu t-te f'qiegħ ta' flixkun tal-plastik. Il-moral tal-immigranti kien baxx ħafna u t-theddid ta' deportazzjoni kienet reali ħafna.*

[1] Fol. 328.
[2] Fol. 178.

*"Jien ħriġt minn hemm diżgustat bl-inumanita' tas-sitwazzjoni"*.

39. L-appellant ressaq bħala xhud lil Mario Schembri, li fiż-żmien rilevanti kien il-kap tas-servizz tad-detenzjoni li ta stampa differenti. Hu minnu wkoll li fil-21 ta' Settembru 2016 il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa għadda riżoluzzjoni finali li biha għalaq il-proċedura ta' azzjoni fil-konfront ta' Malta dwar l-eżekuzzjoni ta' sentenzi ta' QEDB f'ħames każijiet kontra Malta li wkoll kien jitratta dwar immigranti ipprojbiti. Fir-rapport Malta spjegat kif kienu tjiebu l-kundizzjonijiet fiċ-ċentri ta' detenzjoni. Il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa aċċetta li kien hemm titjib tal-kundizzjonijiet fiċ-ċentri ta' detenzjoni u għalaq il-proċedura. Pero` mhuwiex ċar jekk min-naħa tal-Kunsill tal-Ewropa kinux saru xi verifiki *on site* jew jekk ibbażawx il-konklużjoni tagħhom fuq dak li qal il-Gvern Malti fir-rapport.

40. Madankollu dak li qalu Schelbe u Borg ma jpinġi sitwazzjoni xejn sabiħa dwar il-lok ta' detenzjoni. Il-verżjoni li ta Borg hi għal kollox kontrastanti ma' dak li xehed Mario Schembri, kap tal-Operations tad-Detention Services. Dan apparti li d-difensur tar-rikorrent stess xehed u spjega d-diffikultajiet li kellu jiffaċċa qabel irnexxielu jitkellem mar-rikorrenti. Kompla jgħid:[3]

> *"S'intendi f'Detention Centre wieħed ma jippretendix li jara lussu iżda mid-drabi illi jiena żort lill-klijenti tiegħi ġewwa d-Detention Centre f'Ħal Safi dejjem ħriġt minn hemm b'impressjoni negattiva riżultat tal-*

[3] Fol. 273.

*inumanita' tas-sitwazzjoni, u dan b'mod speċjali meta wieħed iqis illi kien staġun xitwi u kienet xitwa kiesħa u kie ċar illi n-nies hemmhekk ma kellhomx ċerta neċessitajiet bażiċi biex jikkumbattu temp bħal dak. Il-post kien jidher mitluq ħafna u kien hemm nuqqas ta' iġene u lili personali tani sens ta' disprament".*

41. Verżjoni li tkompli tikkonferma sitwazzjoni xejn tajba dwar kif isiru l-affarijiet fil-lok ta' detenzjoni. Il-Qorti hi tal-fehma li l-appellati inżammew f'detenzjoni, l-awtoritajiet kellhom minnufih jieħdu ħsieb li r-rikorrenti jingħataw l-assistenza ta' avukat sabiex jispjegalhom xi drittijiet għandhom u mhux jitħallew għal ġranet sħaħ fi stat ta' inċertezza.

42. Tliet xhur f'dawk il-kundizzjonijiet ma jistgħux jiġu kkonsidrati bħala qosra fejn il-lok ta' detenzjoni għandu kundizzjonijiet *sub-standard* (ara paragrafu 102 tas-sentenza **Suso v. Malta** (42337/12) tat-23 ta' Lulju 2013 li ngħatat mill-QEDB). Il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex temmen dak li xehdu l-appellati, Schelbe, Borg u l-avukat Capitta.

43. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti m'għandha l-ebda dubju li perjodu ta' tliet xhur taħt kustodja kien irraġonevolment twil. Dan apparti li sa Jannar 2017 kien diġa` evidenti li l-awtoritajiet tal-Mali ma kinux qegħdin jikkoperaw u madankollu l-appellati xorta baqgħu taħt kustodja. Fil-fehma tal-Qorti bit-trapass tal-ġranet kien qiegħed isir iktar evidenti li l-awtoritajiet barranin kienu tilfu l-interess fil-materja u għall-inqas sa minn Jannar 2017 kien hemm żgur dubji serji li ser jintbagħtu d-dokumenti

meħtieġa sabiex isir il-vjaġġ lejn il-Mali. F'dawk iċ-ċirkostanzi żgur li ma kienx baqa' iktar raġonevoli li r-rikorrenti jibqgħu taħt kustodja, in vista tal-inċeretezza kbira li kien hemm dwar jekk kinux ser jaslu d-dokumenti meħtieġa.

44. Fit-tweġiba l-appellati għamlu ħafna enfażi fuq il-proċedura li intużat meta nħarġu l-ordnijiet ta' tneħħija u li ma ngħatawx tagħrif dwar id-drittijiet li kellhom. Pero` fil-kawża kostituzzjonali li ppreżentaw mhemm l-ebda talba li biha qegħdin jitolbu dikjarazzjoni ta' nullita` tal-ordni ta' tneħħija minħabba xi nuqqas proċedurali. Dak żgur li ma kienx l-għan tal-kawża. Dan apparti li wara li kienu inħelsu mid-detenzjoni l-ewwel darba, kieku riedu ma kien hemm xejn xi jżommhom milli jikkontestaw il-validita' tal-ordnijiet li inħarġu minħabba ksur ta' xi dritt fundamentali.

45. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, it-tieni aggravju hu miċħud.

**<u>It-tielet aggravju – ma seħħx ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni għaliex l-appellati kellhom mezz ta' rimedju effettiv.</u>**

46. L-appellant ikkritika l-konklużjoni tal-ewwel Qorti li ddeċidiet li kien hemm ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni. Fost l-argumenti li ressaq l-appellant, hemm li:

*"Fi kliem iehor, l-artikolu 13 ma jitlobx li r-rimedju ghandu jkun fil-qafas tal-proceduri ordinarji biss. Bil-kontra l-importanti huwa li jkollok rimedju quddiem awtorità nazzjonali, dan irrispettivament jekk bil-mezz ta' talba quddiem il-Qrati ordinarji jew bil-mezz ta' kawza kostituzzjonali/konvenzjonali. Hekk per ezempju ilment taht l-artikolu 13 kien gie mwarrab mill-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza Nazzareno Zarb vs. Malta deciza fl-4 ta' Lulju 2006, ghaliex ghan-nuqqas fil-ligi ordinarja li tipprovdi għal rimedju fil-każ ta' dewmien ingustifikat fil-proceduri, kien jaghmel tajjeb ir-rimedju taht il-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta quddiem il-qrati b'setghat kostituzzjonali. Ara wkoll is-sentenzi* ***Salvatore Abdilla vs. Malta*** *tal-5 ta' Novembru 2005,* ***Central Mediterranean Development Corporation Limited vs. Malta*** *tal-24 ta; Ottubru 2006,* ***Agnes Gera De Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs. Malta*** *tal-5 ta' April 2011,* ***Joseph Bellizzi vs. Malta*** *tal-21 ta' Ġunju 2011 u* ***Maria Theresa Deguara Caruana Gatto and Others vs. Malta*** *tad-9 ta' Lulju 2013 fost oħrajn, fejn ilment dwar l-****artikolu 13*** *ġie dejjem miċħud minħabba li l-applikant kellu r-rimedju kostituzzjonali u konvenzjonali biex jindirizza l-ilmenti tiegħu".*

47. L-ewwel Qorti qalet:-

*"L-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea jaqra kif isegwi:*

*'Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali.'*

*Jirrizulta mill-atti li ghandha ssir distinzjoni bejn ordni ta' tnehhija – 'removal order' - u decizjoni ta' ritorn – 'return decision'. Hemm qbil bejn il-partijiet li fil-mument li r-rikorrenti rispettivament waslu fil-Gzejjer Maltin ma kienx ghadu mpost mil-ligi li apparti 'removal order' ir-rikorrrenti kellhom jinghataw ukoll 'return decision'.*

*Fil-kaz prezenti kif jirrizulta mill-atti, r-rikorrenti dahlu Malta bejn is-snin 2008 u Jannar, 2015. Il-kuncett ta' Decizjoni ta' Ritorn dahlet fis-sehh bl-Att XXXVI tal-2015 liema att gie ppublikat fl-4 ta' Dicembru, 2015. Ghalhekk jirrizulta lill-Qorti li mal-mument li r-rikorrenti dahlu fil-Gzejjer Maltin il-ligi Maltija ma kinitx timponi l-obbligu li l-persuna tinghata wkoll decizjoni ta' ritorn bil-miktub flimkien mal-ordni ta' tnehhija.*

*Jirrizulta izda li r-rikorrenti gew ri-arrestati nhar l-14 ta' Novembru, 2016 fejn ittiehdu fic-Centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi. Skont id-diversi Spetturi u l-Assistent Kummissarju Neville Xuereb li xehedu fl-atti huma qiesu li ma kellhomx legalment obbligu li jinnotifikaw lir-rikorrenti b'decizjoni ta' ritorn stante li l-ordni ta' tnehhija kien inhareg lihom qabel dahlet fis-sehh il-ligi.*

*Jirrizulta izda lill-Qorti mill-atti li fil-mument li gew ri-arrestati r-rikorrenti inghataw ezatt l-istess trattament daqs li kieku kienu dahlu fil-pajjiz bhala immigrant illegali ghall-ewwel darba tant li regghu gew detenuti ghal perjodu mhux qasir. Bid-differenza izda li filwaqt li fl-ewwel detenzjoni huma naghtaw almenu ordni ta' tnehhija bil-miktub u kellhom id-dritt li jappellaw (almenu inghataw karti f'dan is-sens) u kellhom xi haga fuq xiex jagixxu, mar-ri-arrest taghhom huma ma nghataw xejn bil-miktub b'dana li difficilment wiehed seta' jifhem ghalfejn gew ri-arreastati. Fil-fatt bosta mir-rikorrenti jixhdu li kien hemm persuni li marru jkellmuhom fid-'detention centre' jistaqsuhom ghalfejn kienu gew arrestati izda n-nuqqas ta' xi dokument ghamilha ferm difficli li r-rikorrenti jkunu jafu xi drittijiet kellhom mal-mument li gew arrestati. Huwa wkoll inkontestat li mal-arrest taghhom ir- rikorrenti lanqas inghataw access adegwat f'hin propizju ghall- assistenza legali tant li jirrizulta mill-atti li l-Avukat li tqabbad minn terzi buona volonta tat-terzi sabiex jirraprezentahom inghata access ghar-rikorrenti tmint ijiem wara li huwa ssottometta t-talba biex ikellimhom. Dan kollu gie kkonfermat minn Jean Paul Borg li xehed bil-procedura tal-affidavit (a fol. 178 tal-process) minn Kelly Schelble li wkoll xehdet bil-procedura tal-affidavit (a fol. 106 sa fol. 116 tal-process) kif ukoll minn Dr Gianluca Cappitta li xehed ukoll bil-procedura tal-affidavit (a fol. 271 sa fol. 274 tal-process). Jirrizulta mill-kopja tal-emails skambjata bejn l-Avukat Dr Gianluca Cappitta u C-CMRU ipprezentati mir-rikorrenti permezz tan-nota ntavolata nhar it-8 ta' Frar, 2018 li sabiex huwa seta jaghmel laqgha mal-klienti tieghu kellu jistenna mill-14 ta' Dicembru, 2016 sat-22 ta' Dicembru, 2016 sabiex it-talba tieghu giet approvata (ara emails a fol. 286 sa fol. 288 tal-process).*

*Tqis illi l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa generiku u ma jistipulax xi rimedji effettivi ghandhom ikunu disponibbli. Kull ma jghid huwa '...għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali.' Il-Qorti setghet tinnota li l-procedura sabiex l-Avukat Dr Gianluca Cappitta kellem lil klijenti tieghu hadet kwazi tmient (8) ijiem. Jirrizulta izda li l-Avukat Dr Gianluca Cappitta malgrad li kien ikkomunika b'diffikulta mar-rikorrenti bl-uzu tat-telephone irnexxielu b'xi mod jistitwixxi l-kawza odjerna kif ukoll rikors b'urgenza bir-rikors numru 107/16/1. Il-Qorti qed tghid b'diffikulta' stante li jirrizulta li minn din il- komunikazzjoni hargu diversi zbalji sahansitra fl-ismijiet tar- rikorrenti u n-numri moghtija lilhom tant li kellu jsir rikors appozitu ghall-korrezzjoni.*

*Illi fl-eccezzjoni tieghu l-intimat issemmi li r-rimedji mahsuba fil-Kap. 217 u l-legislazzjoni sussidjarja 217.12 u cioe' d-dritt ta' appell mill-hrug tal-ordni ta' tnehhija u llum il-gurnata mid- decizjoni ta' ritorn fi zmien tlett ijiem ghandu jitqies bhala rimedju effettiv. Fil-kaz odjern id-decizjoni li l-ordni ta' tnehhija kienet inghatat lir-rikorrenti bosta snin qabel u sahansitra wara li kienu nghataw l-istess dawn wara certu zmien partikolari ghal kull rikorrent gew rilaxxati. Fil-mument li gew ri-arrestati f'cirkostanzi kompletament diversi minn dawk li originarjament kienet inhargitilhom l-ordni ta' tnehhija u ghar-raguni li kien ser isir tentattiv ta' identifikazzjoni, r-rikorrenti ma regghux inghataw l-ebda*

*dokument li fuqu setghu jintavolaw xi tip ta' appell u ghalhekk il-Qorti ma tistax tqis ir-rimedji mahsuba taht il-Kap. 217 u l-legislazzjoni sussidjarja bhala adegwati apparti l-fatt li kieku ghal grazzja tal-argument ir-rikorrenti setghu jappellaw jirrizulta li ma nghatawx access fil-hin ghall-avukat sabiex ikunu jistghu jaghmlu dan fit-terminu mpost mil-ligi.*

*Fis-sottomissjoni tieghu l-intimat isemmi wkoll ir-rimedju tal-Habeas Corpus. Il-Qorti wkoll ma tistax tqis dan bhala rimedju effettiv meta jirrizulta li r-rikorrenti inghataw biss access ghal avukat gimghat shah wara li kienu gew arrestati.*

*Finalment l-intimat isostni li l-proceduri odjerni ghandhom jigu kkunsidrati bhala r-rimedju effettiv taht il-ligi domestika sabiex ir-rikorrenti jikkontestaw id-detenzjoni taghhom. Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-intimat fejn qed isostni li persuna detenuta ghandha tasal sal-punt li tiftah procedura kostituzzjonali sabiex id-detenzjoni taghha b'xi mod tigi dikjarata invalida. Jirrizulta lil din il-Qorti li effettivament ir-rikorrenti fil-mument li gew ri-arrestati ma kellhom l-ebda possibilita' fil-ligi Maltija li jikkontestaw il-validita' tal-arrest taghhom ghajr li jifthu l-kaz kostituzzjonali odjern. Rimedju effettiv ghandu jkun rimedju li permezz tieghu il-persuna li giet arrestata jinghata mill-ewwel id- drittijiet tieghu, jinghata access immedjat ghall-assistenza ta' Avukat u jkun jista' jintavola procedura apposita sabiex jattakka d-decizjoni li jerga' jigi arrestat u mhux bilfors irid jipprova ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu fl-istess. F'dan il-kaz jirrizulta li ma tezistix fil-ligi Maltija procedura apposita sabiex immigrant illegali li jkun gie rilaxxat u jerga jigi arrestat minghajr ma jinghata dokument bil-miktub ghar-raguni tar-ri-arrest tieghu, b'mod immedjat jew almenu fi zmien qasir, jkun jista' jikkontesta l-validita' tal-istess. Tant hu hekk li fil-kaz odjern kellu jkun Avukat terz li jiehu inizjattiva tista' tghid wahdu stante n-nuqqas ta' koperazzjoni mill-awtoritajiet, li jintavola l-kaz kostituzzjonali odjern bl-isperanza li r-rikorrenti ma jibqghux arrestati.*

*Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad is-seba' eccezzjoni tal-intimat u tilqa' t-tielet talba attrici ghal dak li hu ksur tal-Artikolu tlettax (13) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal- Bniedem"*.

48. Dwar l-ilment relatat mal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni hu rilevanti dak li jingħad fil-pubblikazzjoni *Guide on Article 8 of the European Convention on Human Rights* (Council of Europe, 30 ta' Awwissu 2019):

*"243. Where there is an arguable claim that expulsion threatens to interfere with a non-citizen's right to respect for his private and family*

> *life, Article 13 in conjunction with Article 8 of the Convention requires that States must make available to the individual concerned the effective possibility of challenging the deportation or refusal of residence order and of having the relevant issues examined with sufficient procedural safeguards and thoroughness by an appropriate domestic forum offering adequate guarantees of independence and impartiality (De Souza Ribeiro v. France [GC], § 83; M. and Others v. Bulgaria, §§ 122-132; Al-Nashif v. Bulgaria, § 133)".*

49. Imbagħad fis-sentenza **Chahal v. The United Kingdom** (22414/93) tal-15 ta' Novembru 1996, l-istess Qorti qalet:

> *"145. The Court observes that Article 13 (art. 13) guarantees the availability at national level of a remedy to enforce the substance of the Convention rights and freedoms in whatever form they might happen to be secured in the domestic legal order.* ***The effect of this Article (art. 13) is thus to require the provision of a domestic remedy allowing the competent national authority both to deal with the substance of the relevant Convention complaint and to grant appropriate relief****, although Contracting States are afforded some discretion as to the manner in which they conform to their obligations under this provision (art. 13) (see the Vilvarajah and Others judgment cited at paragraph 73 above, p. 39, para. 122)".*

50. Din il-Qorti ma taqbilx mar-raġunament tal-ewwel Qorti, għaliex din il-kawża hi l-aqwa prova li l-atturi kellhom il-mezz sabiex ifittxu rimedju effettiv għall-ilment tagħhom dwar ksur ta' drittijiet li jissemmew fil-Konvenzjoni. Hu fatt li l-avukat li assista lill-atturi spjega dwar id-diffikultajiet li iltaqa' magħhom sakemm irnexxielu jitkellem magħhom. Pero` dak il-fatt waħdu ma jwassalx għall-ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni. Saħansitra irriżulta wkoll kif l-atturi kellhom aċċess għall-Qorti fejn talbu *interim measure* sabiex ma jibqgħux jinżammu f'detenzjoni u ma jkunux deportati minn Malta. Għalkemm b'digriet tal-4 ta' Jannar 2017 l-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet, b'daqshekk ma jfissirx li

ma kellhomx rimedju. Li persuna jkollha rimedju ma jfissirx li bilfors tingħata raġun, u f'kull każ l-appellati appellaw minn dak il-provvediment. Eventwalment iddikjaraw li l-meritu tal-appell kien eżawrit wara li fl-14 ta' Frar 2017 l-awtoritajiet irrilaxxaw lill-atturi mid-detenzjoni.

51. Kif sewwa qal l-appellant, ir-rimedju mhemmx għalfejn ikun taħt il-liġi ordinarja. Fis-sentenza **Abdi v. the United Kingdom** li ssemmiet iktar qabel, il-QEDB qalet b'referenza għall-ilment dwara ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni:

> *"The Court notes that the applicant was able to bring judicial review proceedings challenging the lawfulness of his continued detention and to appeal against the decision of the Administrative Court to the Court of Appeal. The applicant has adduced no evidence to substantiate his claim that there was no effective remedy for his Convention complaints"*.

52. Fir-realta` jidher li ma kien hemm xejn x'iżomm lill-atturi milli jagħmlu l-proċedura taħt l-Artikolu 409A tal-Kodiċi Kriminali (*habeas corpus*). Saħansitra taħt l-Artikolu 25A(9) u (10) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, il-persuna f'detenzjoni tista' wkoll jitlob il-ħelsien mill-kustodja. F'rapport li sar lill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa (28 ta' Ġunju 2016) b'riferenza għall-eżekuzzjoni tas-sentenza **Suso Musa v. Malta** (42337/12) tat-23 ta' Lulju 2013 u sentenzi oħra li kienu jolqtu lil Malta, Malta iddikjarat:[4]

---

[4] Ara kopja tal-istess a fol. 13 *et seq*. tal-proċess relatat mat-talab tar-rikorrent għall-miżuri proviżorji.

> *"The amendments of Article 25A(10) enable the Board not only to take into consideration the reasonableness of the duration of the detention, but the lawfulness of the detention decision itself. In this regard, it should be noted that this provision also makes reference to subsidiary legislation issued under the Immigration Act itself and the Refugee Act. In paractise this means that in the case of asylum seekers, detained in terms of the Immigration Act and the Reception of Asylum Seekers (Minimum Standards) Regulations, the Board will take into consideration the reasons as to why detention is being pursued according to law (for example to verify the identity or nationality of the individual; for the protection of national security or public order). In the case of those individuals detained pending their removal, pursuant to the Immigration Act and the Common Standards and Procedures for returning illegally staying third country nationals regulations, the Board will also have to take into account pertinent reasons at law, such as whether there are reasonable prospects of removal and whether removal is being pursued with due diligence"*.

53. Il-Kumitat tal-Ministri wara li eżamina l-action report ta' Malta, u iddikjara:

> *"Welcoming, as concerns the general measures, the comprehensive legislative and policy changes undertaken in this domain, putting an end the automatic detention of asylum seekers and improving review proceedings and detention conditions.....*
>
> "*DECIDES to close the examination thereof*".

54. Mill-atti jirriżulta kif persuna oħra mill-Mali li wkoll kienet qegħda f'detenzjoni, kienet ipproponiet proċeduri taħt l-Artikolu 409A tal-Kodiċi Kriminali u sostniet li l-arrest kien illegali u għalhekk talbet ir-rilaxx (**Namake Nuomo v. Kummissarju tal-Pulizija**). Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali b'deċiżjoni tat-22 ta' Diċembru 2016 laqgħet it-talba u ordnat ir-rilaxx tagħha mid-detenzjoni. Deċiżjoni konfermata mill-Qorti Kriminali fid-9 ta' Jannar 2017 (fol. 200). Dan fih innifsu juri kemm jeżisti rimedju taħt il-liġi ordinarja.

55. Fis-sentenza **Bensaid v. The United Kingdom** (44599/98) il-QEDB qalet, dwar każ fejn l-ilment kien dwar ta' trattament inuman u degradanti f'każ ta' deportazzjoni:-

> *"55. In Vilvarajah and Others (cited above, p. 39, § 123) and Soering v. the United Kingdom (judgment of 7 July 1989, Series A no. 161, pp. 47-48, §§ 121-24), the Court considered judicial review proceedings to be an effective remedy in relation to the complaints raised under Article 3 in the contexts of deportation and extradition. It was satisfied that English courts could effectively control the legality of executive discretion on substantive and procedural grounds and quash decisions as appropriate. It was also accepted that a court in the exercise of its powers of judicial review would have power to quash a decision to expel or deport an individual to a country where it was established that there was a serious risk of inhuman or degrading treatment, on the ground that in all the circumstances of the case the decision was one that no reasonable Secretary of State could take. This view was followed more recently in D. v. the United Kingdom (cited above, pp. 797-98, §§ 70-71)".*

56. Bl-istess mod, għall-ilment tar-atturi li seħħ ksur ta' drittijiet fundamentali għal dak li jirrigwarda l-arrest tagħhom u wkoll id-dritt għat-tgawdija tal-ħajja privata, dawn il-proċeduri huma l-aħjar prova li kellhom rimedju.

57. Magħula dawn il-konsiderazzjonijiet, tilqa' dan l-aggravju.

**<u>Ir-raba' aggravju – ma seħħ l-ebda ksura tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.</u>**

58. L-aħħar aggravju tal-appellant jirreferi għall-ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. L-appellant argumenta:

> *"Illi l-ewwel Qorti osservat li r-rikorrenti integraw ruħhom fis-soċjeta Maltija għaliex kienu jaħdmu u jħallsu t-taxxi. L-esponenti jissottometti li l-ebda kopja tal-ktieb tax-xogħol jew evidenza li huma ħallsu t-taxxi ma ġiet ippreżentata mill-appellati. Illi ċeretament li l-każ odjern jinkwadra taħt dak maħsub fl-artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni Ewropea, u ċioe' li l-indħil huwa wieħed skont il-liġi u ċioe' abbażi tal-Att dwara l-Immigrazzjoni u li qiegħed isir għall-għan leġittimu b'soċjeta demokratika u ċioe' sabiex jiġi żgura it-tħaris tal-liġijiet tal-immigrazzjoni li huma fin-natura tagħhom ta' ordni pubbliku. Illii aktar minn hekk, mill-atti jirriżulta li l-appellati ma baqgħux fid-detenzjoni għaliex ma kienx għadu jissussiti b'mod reali u li għalhekk ġia ladarba d-deportazzjoni ma seħħitx ċertament li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet issib l-ebda leżjoni ta' dana l-artikolu konvenzjonali in vacuo"*.

59. L-ewwel Qorti irraġunat:-

> "*Illi fil-kuntest tad-drittijiet fundamentali li ghalihom issir referenza fit-raba' talba l-Qorti tikkunsidra s-segwenti:*
>
> "*1. Fir-rigward tal-ilment tar-rikorrenti li meta inghataw ir-removal order dan kien jinhareg b'mod awtomatiku mill-ispetturi u jsostnu li sahansitra uhud mir-removal orders ma jindikawx ir-raguni ghall-ordni u wkoll l-allegat nuqqas ta' appell din il-Qorti tqis li r-rikorrenti deherilhom biss li ghandhom jattakkaw dan ir-removal order unikament malli gew ri-arrestati u mhux qabel. Skont il-ligi huma kellhom dritt ta' appell fi zmien tlett (3) ijiem u mill-atti rrizulta li l-awtoritajiet kienu jaghmlu dak kollu possibbli sabiex jispjegaw lilhom id-drit tal-appell u aktar minn hekk anki terzi persuni fosthom NGO's kienu jattendu fic-centri u jispjegawlhom x'inhuma l-jeddijiet taghhom. Nonostante dan ir-rikorrenti f'dak iz-zmien ghazlu li ma jappellawx u l-Qorti ma tqisx li huwa legalment gustifikat li dan l-ilment jitqajjem issa, diversi snin wara, semplicement ghaliex gara li r-rikorrenti gew ri-arrestati. Il- qorti ma ssibx vjolazzjoni tal-artikoli msemmija ghal din ir-raguni.*
>
> "*2. L-invalidita' tal-arrest taghhom in vista li ma nghatawx decizjoni ta' ritorn bil-miktub fil-mument li gew ri-arrestati (meta l-ligi gia kienet vigenti) stante li r-rikorrenti jinsistu, anki abbazi ta' gurisprudenza kwotata illi hija l-procedura applikabbli fil- mument li giet ezegwita d-detenzjoni li ghandha tapplika. Il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tar-rikorrenti dwar dan il-punt. Ma hemmx dubju li kieku mal-mument tar-ri-arrest ir-rikorrenti nghataw almenu d-'decizjoni ta' ritorn' bil-miktub kif tirrikjedi l- ligi bosta mill-proceduri odjerni ma kienx ikun hemm*

*bzonnhom stante li kienu jiskattaw diversi jeddijiet tar-rikorrenti minghajr il- bzonn li wiehed jasal sar-rimedju kostituzzjonali. Ghalkemm huwa minnu li fil-mument li r-rikorrenti dahlu f'Malta ma kienx hemm il-bzonn fil-ligi li dawn jinghataw decizjoni ta' ritorn bil- miktub jirrizulta li dan l-obbligu dahal fis-sehh fl-4 ta' Dicembru, 2015 permezz tal-emenda fl-artikolu 14 (2) tal-Kap. 217 li sahansitra jemfasizza li persuna tista' tinzamm arrestata biss wara li tinghata tali decizjoni ta' ritorn u mhux biss 'removal order'. Il- ligi ma taghmel l-ebda eccezzjoni ghal dawk li kienu gew detenuti u nhargilhom biss 'removal order' qabel ma dahlet fis-sehh il-ligi. Fil-fatt l-istess Assistent Kummissarju Neville Xuereb jixhed li huma kienu jimxu ma' 'manual' mahrug mill-Unjoni Ewropea dwar dan il-punt izda jammetti li mhux neccessarjament dan jirrifletti dak li tghid il-ligi (fol. 350 et seq).*

"*3. Illi dwar l-ilment li l-awtoritajiet setghu uzaw mezzi anqas koersivi sabiex jassiguraw li d-delegazzjoni titkellem mar- rikorrenti, mizuri li ma jammontawx ghall-misura estrema tal- arrest l-Qorti wkoll tqis li r-rikorrenti ghandhom ragun dwar dan il-punt aktar u aktar in vista tal-bidla fil-ligi permezz tal-artikolu 14 (2) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta li r-rikorrenti gew ri-arrestati minghajr ma nghataw l-ebda tip ta' raguni bil-miktub ghaliex dan kien qed isehh, wisq anqas inghataw decizjoni ta' ritorn. Irrizulta wkoll li dawn gew ri-arrestati ghar-raguni li delegazzjoni mill-Mali kellha tigi tkellimhom, kif fil-fatt sehh xi tlett gimghat wara b'tentattiv li dawn jigu identifikati bhala cittadini tal-Mali u possibilment jigu rimpatrijati. Il-Qorti ma ghandha l-ebda ezitazzjoni li tqis li l-mizura li dawn jigu arrestati, meta kollha jirrizulta li kienu ntegraw sew fis-socjeta`, kienu jahdmu bil-ktieb, kienu jhallsu t-taxxi u wkoll kienu jattendu b'mod regolari sabiex igeddu l-karti tghhom, kienu mizura wisq estrema u mhux gustifikata fit-termini tal-htigijiet tas-socjeta in generali ghall-ghan intiz li dawn jigu mitkellma mid-delegazzjoni. Dan kif anki gia esprimiet ruhha l-Qorti aktar il-fuq f'din id-decizjoni. L-azzjoni tal-intimat wasslet sabiex ir-rikorrenti ghamlu tlett xhur shah taht detenzjoni bis-sofferenza kollha li din gabet maghha u wkoll uhud minnhom tilfu l-impjieg li kellhom biex finalment kellhom jigu rilaxxjati stante li mid-delegazzjoni tal-Mali ma rrizulta xejn u l-intimat jipretendi li r-rikorrenti jhallu din il-grajja ghaddejja daqs li kieku huma ma sofrew xejn.*

"*4. Illi dwar l-indefinittivita' tad-detenzjoni tenut kont ukoll tal- perjodu ta' detenzjoni gia effettwat mir-rikorrenti qabel ma gew rilaxxjati l-ewwel darba l-Qorti wkoll taqbel mas-sottomissjonijiet tar-rikorrenti dwar dan il-punt. Jirrizulta mill-atti li l-awtoritajiet stess jammettu li hadu d-decizjoni li jarrestawhom minghajr ma saru ebda verifiki kemm kienu damu f'detenzjoni originarjament qabel ma gew rilaxxati (tant li kien hemm uhud mir-rikorrenti li ghamlu l-massimu ta' tmintax-il xarah detenzjoni) u wkoll jirrizulta li mar-ri-arrest lanqas l-istess awtoritajiet li arrestaw lir- rikorrenti kif rapprezentati mill-intimat ma kienu jafu ezatt ghal kemm zmien ir-rikorrenti kienu ser jinzammu arrestati tant li r-rikorrenti inghataw versjonijiet differenti mill-Ispettur li wettaq l- arrest uhud qalilhom gimgha, ohrajn hmistax u ohrajn xahar. L- Assistent*

*Kummissarju Neville Xuereb li huma stess ma kienux jafu kemm ser idumu arrestati. Irrizulta li effettivament ir- rikorrenti spiccaw ghamlu tlett xhur shah arrestati minghajr ebda ragg ta' dawl jew tama meta u kif kienu ser jigu rilaxxjati u jekk kienx hemm il-possibilita' li jigu rilaxxjati. Ghal dawn ir-ragunijiet ukoll il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrenti fir-raba t-talba hija gustifikata bl-eskluzjoni izda li ser tinghad aktar l-isfel.*

"*Il-Qorti ghaldaqstant in vista ta' dak kollu suespost tqis li r-raba' talba tar-rikorrenti, kif tirreferi ghall-eventwali deportazzjoni taghhom izda u unikament kif allacjata mal-arrest tar-rikorrenti li sehh nhar l-14 ta' Novembru, 2016 u d-detenzjoni sussegwenti taghhom sar-rilaxx tal-14 ta' Frar, 2016, ghandha tigi milqugha fir- rigward biss tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu tmienja (8) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drttijiet tal-Bniedem filwaqt li ghandha tigi michuda ai termini tal-artikoli wiehed (1) u sebgha (7) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea stante li r-rikorrenti naqsu milli jidentifikaw il-konnessjoni taghha mal-allegat dritt miksur taht id-Direttiva 2008/115/EC tal-Parlament u Ewropew u tal-Kunsill*".

60. Jibda biex jingħad li r-raba' talba tar-rikorrenti, li għandha x'taqsam mal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni kienet tirreferi **biss** dwar it-tneħħija minn Malta tal-atturi u mhux mad-detenzjoni. Fil-fatt bir-raba' talba, l-atturi talbu:-

*"4. Tiddikjara illi **<u>l-eventwali diportazzjoni</u>** tal-esponenti tkun tammonta għall-ksur ........ u kif ukoll l-artikolu numru erbgħa u tletin (34) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, Artikolu numru tmienja (8) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u ............".*

61. Madankollu l-ewwel Qorti għamlet enfażi dwar id-dentenzjoni (ara paġni 55 u 56) tas-sentenza. Tant hu hekk li fis-sentenza qalet:-

*"Il-Qorti għaldaqstant in vista ta' dak kollu suespost tqis li r-raba' talba tar-rikorrenti, kif tirreferi għall-eventwali deportazzjoni tagħhom iżda u unikament kif allaċjata mal-arrest tar-rikorrenti li seħħ nhar l-14 ta' Novembru 2016 u d-detenzjoni sussegwenti tagħhom sar-rilaxx tal-14 ta' Frar 2016, għandha tiġi milqugħa fir-rigward biss tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu tmienja (8) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem....."*

62. Pero` r-raba' talba ma kellha x'taqsam xejn mad-detenzjoni iżda biss mal-eventwali deportazzjoni minn Malta u xejn iktar. Dwar dak biss kellha tiddeċiedi l-ewwel Qorti.

63. Mill-provi jirriżulta li fl-14 ta' Frar 2017 l-atturi inħelsu mid-detenzjoni, tant hu hekk li ddikjaraw li l-meritu tal-appell li ppreżentaw b'referenza għat-talba għal *interim measure*, kien eżawrit.

64. B'dak l-iżvilupp fil-mori tal-kawża ir-raba' talba ma baqgħetx iktar flokha għaliex kien evidenti li f'dak l-istadju ma kien hemm l-ebda prospett li l-ordni ta' tneħħija ser tkun inforzata. Kieku kien mod ieħor l-appellati ma kinux jiġu rilaxxati. Tant hu hekk li għalkem wara r-rilaxx il-kawża baqgħet tinstema' għal erba' snin sakemm fis-27 ta' Frar 2020 ingħatat is-sentenza, ma jirriżultax li l-awtoritajiet reġgħu ħadu xi passi kontra l-appellati sabiex jitkeċċew minn Malta. B'hekk minn meta l-atturi ġew rilaxxati, ma kien hemm l-ebda riskju imminienti ta' deportazzjoni. Tant hu hekk li baqgħu jgħixu Malta u mhemm l-ebda prova li wara dakinhar reġgħu saru xi tentattivi sabiex l-atturi ikunu deportati.

65. Dan apparti li fil-każ ta' dawk l-appellati li kienu waslu Malta bejn 2008 u 2011, l-ordni ta' tneħħija ma setgħetx tiġi infurzata għaliex fil-frattemp il-liġi kienet inbidlet u ma kienx biżżejjed li jkun hemm ordni ta'

tneħħija biss. F'dan ir-rigward kien hemm erba' mill-atturi li kienu f'dik il-posizzjoni u suppost kellha l-ewwel tinħareġ deċiżjoni ta' ritorn, li kienet fiha innifisha tiskatta l-jedd ta' appell skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217). Fis-sentenza **Sisojeva and Others v. Latvia** (numru 60654/00) tal-15 ta' Jannar 2007, il-QEDB qalet:

> *"However, with more particular reference to the specific category of cases involving the deportation of non-nationals, **the Court has consistently held that an applicant cannot claim to be the "victim" of a deportation measure if the measure is not enforceable** (see Vijayanathan and Pusparajah, cited above, § 46; see also Pellumbi v. France (dec.), no. 65730/01, 18 January 2005, and Etanji v. France (dec.), no. 60411/00, 1 March 2005). It has adopted the same stance in cases where execution of the deportation order has been stayed indefinitely or otherwise deprived of legal effect and where any decision by the authorities to proceed with deportation can be appealed against before the relevant courts (see Kalantari v. Germany (striking out), no. 51342/99, §§ 55-56, ECHR 2001-X, and Mehemi v. France (no. 2), no. 53470/99, § 54, ECHR 2003-IV; see also Andric v. Sweden (dec.), no. 45917/99, 23 February 1999; Benamar and Others v. France (dec.), no. 42216/98, 14 November 2000; Djemailji v. Switzerland (dec.), no. 13531/03, 18 January 2005; and Yildiz v. Germany (dec.), no. 40932/02, 13 October 2005)".*

66. Inoltre u f'kull każ, il-Qorti ma taqbel xejn mad-dikjarazzjoni tal-ewwel Qorti li l-atturi kienu *"integraw sew fis-soċjeta Maltija"*. Mhemmx provi ċari li jwasslu għall-konklużjoni bħal dik. L-ewwel Qorti semmiet li jaħdmu u jħallsu t-taxxi. Pero` r-rikorrenti ma ppreżentawx provi dokumentarji f'dak is-sens, u mhux kulħadd xehed li kien jaħdem u jħallas it-taxxa, u saħansitra wieħed mir-rikorrent lanqas biss xehed. Lanqas mhemm provi ċari dwar kemm kienu ilhom jadħmu u suppost iħallsu t-taxxa. Il-prova ta' integrazzjoni għandha tkun waħda sħiħa u b'saħħitha. Mhemmx dawk il-provi fil-każ in eżami.

67. Fis-sentenza ta' **Bensaid** hawn fuq imsemmija, il-QEDB qalet:

> *"47. "Private life" is a broad term not susceptible to exhaustive definition. The Court has already held that elements such as gender identification, name and sexual orientation and sexual life are important elements of the personal sphere protected by Article 8 (see, for example, Dudgeon v. the United Kingdom, judgment of 22 October 1981, Series A no. 45, pp. 18-19, § 41; B. v. France, judgment of 25 March 1992, Series A no. 232-C, pp. 53- 54, § 63; Burghartz v. Switzerland, judgment of 22 February 1994, Series A no. 280-B, p. 28, § 24; and Laskey, Jaggard and Brown v. the United Kingdom, judgment of 19 February 1997, Reports 1997-I, p. 131, § 36). Mental health must also be regarded as a crucial part of private life associated with the aspect of moral integrity. Article 8 protects a right to identity and personal development, and the right to establish and develop relationships with other human beings and the outside world (see, for example, Burghartz, cited above, opinion of the Commission, p. 37, § 47, and Friedl v. Austria, judgment of 31 January 1995, Series A no. 305-B, p. 20, § 45). The preservation of mental stability is in that context an indispensable precondition to effective enjoyment of the right to respect for private life.*
>
> *"48. Nor in the circumstances has it been established that his moral integrity would be substantially affected to a degree falling within the scope of Article 8 of the Convention. Even assuming that the dislocation caused to the applicant by removal from the United Kingdom* ***where he has lived for the <u>last eleven years</u> was to be considered by itself as affecting his private life****, in the context of the relationships and support framework which he enjoyed there, the Court considers that* ***such interference may be regarded as complying with the requirements of the second paragraph of Article 8, namely as a measure "in accordance with the law", pursuing the aims of the protection of the economic well-being of the country*** *and the prevention of disorder and crime,* ***as well as being "necessary in a democratic society" for those aims****".*

68. Il-Qorti żżid li fil-każ ta' wħud mill-atturi irriżulta mill-affidavits tagħhom stess li waslu Malta f'Ġunju 2014 u oħrajn f'Jannar 2015. Iż-żmien li għadda sakemm reġgħu spiċċaw f'detenzjoni żgur li ma jistax jiġi kkunsidrat bħala xi żmien twil għal finijiet ta' integrazzjoni f'Malta. Dawk

ma kinux każijiet fejn per eżempju l-immigranti waslu Malta meta kienu għadhom tfal u minn ckunithom għexu u trabbew f'Malta. Dan apparti dak li jipprovdi t-tieni paragrafu tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Li immigrant iħossu iktar kuntent igħix f'pajjiż barrani mill-pajjiż ta' oriġini tiegħu, ma jagħtihx jedd li jibqa' jgħix hemm. Hemm l-interessi wkoll tal-pajjiż li fih ikun daħal illegalment li għandu marġni wiesa' ta' apprezzament meta jieħu deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' tneħħija ta' nies li jkunu daħlu illegalment fil-pajjiż. Mhemmx dubju li pajjiż żgħir bħal Malta għandu limitazzjonijiet kbar meta jkun hemm każijiet ta' influss mhux żgħir ta' immigranti, u f'dawk il-każijiet ikompli jikber il-marġini ta' apprezzament tal-awtoritajiet.

69. Inoltre, il-fatt li forsi xi ħadd minnhom seta' ingħata permess ta' xogħol, hekk per eżempju xehdu Wali Traore u Ibrahim Kamara, ma jfissirx li b'daqshekk ma baqax *'immigrant ipprojbit'* għal finijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217).

70. Dan apparti li r-referenza għall-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni fir-raba' talba kienet għal kollox irrilevanti peress li kif rajna dik it-talba fiha biss l-ilment dwar *"l-eventwali diportazzjoni"* u mhux dwar id-detenzjoni *per se*. L-Artikolu 34 jiggarantixxi l-jedd fundamentali li ħadd m'għandu jiġi ipprivat mil-liberta` personali tiegħu ħlief fil-każijiet li jissemmew fl-istess disposizzjoni. Ir-referenza għal dik id-disposizzjoni kienet rilevanti għall-

finijiet tat-tieni talba tar-rikors promotur[5] u ċertament mhux ir-raba' talba. Evidentement ir-referenza għall-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni fir-raba' talba hu żball.

71. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tara l-ebda ħtieġa li dak l-ilment kellu jiġi iktar ikkonsidrat mill-ewwel Qorti irrispettivament minn dak li ippremettew l-atturi fir-rikors promotur. Dan apparti li l-ewwel Qorti kellha tiddeċiedi l-kawża a bażi ta' dak li l-atturi espressament talbu fir-rikors promotur.

Għal dawn ir-raġunijiet l-Qorti tiddeċiedi l-appell tal-appellant billi:

**1.** Tiċħad l-aggravju dwar l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

**2.** Tilqa' l-aggravju dwar dik il-parti tas-sentenza li laqgħet it-tielet talba in kwantu tirreferi għall-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti fis-sens li tilqa' s-seba' eċċezzjoni u tiċħad it-tielet talba.

**3.** Tilqa' l-aggravju dwar dik il-parti tas-sentenza li laqgħet ir-raba' talba in kwantu tirreferi għall-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni, u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti fis-sens li tilqa' d-disa' eċċezzjoni tal-appellant u tiċħad ir-raba' talba.

[5] *"2. Tiddikjara illi d-detenzjoni tar-rikorrenti hija abbużiva u tmur kontra d-drittijiet tagħhom kif sanċiti fl-artikolu ħamsa (5) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, fl-artikolu sebgħa u erbgħin (47) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea"*.

**4.** Tiċħad il-kumplament tal-aggravji u tikkonferma l-kumplament tas-sentenzi.

**5.** Spejjeż tal-appell jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb